



Is-sessjoni plenarja fil-qosor (Strasburgu, 23-26.10.17)

Summit tal-UE u l-futur tal-Ewropa

Il-President tal-Kunsill Donald Tusk ser jiddiskuti mal-MEPs l-eżitu tal-laqgħa tal-mexxejja Ewropej tad-19 u l-20 ta' Ottubru, iffukat fuq il-migrazzjoni u l-ażil, id-difiża, u n-negozjati dwar il-Brexit.

3

Dibattitu dwar il-libertà tal-istampa wara l-qtil ta' Daphne Cachia Caruana

Il-gruppi politiċi ser jiddiskutu l-libertà tal-istampa u l-protezzjoni tal-ġurnalisti nhar it-Tlieta, wara l-qtil brutali ta' Daphne Caruana Galizia.

4

Protezzjoni tal-investituri u l-ekonomija kontra l-pakketti ta' self ħażin

Is-self ippakkeġjat ser ikollu jkun inqas kumpless u iżjed trasparenti qabel ma jkun jista' jinbiegħ lill-investituri jgħid abbozz ta' regoli li ser jiġu vvutati nhar il-Ħamis.

5

Tiżni tal-kontrolli tas-sigurtà mal-fruntieri tal-Ewropa

L-Erbgħa ser tiġi diskussa u vvutata sistema komuni elettronika biex jitħaffu l-kontrolli mal-fruntieri esterni taż-żona ta' Schengen u biex jiġu reġistrati l-vjaġġaturi mhux mill-UE.

6

Ippustjar tal-ħaddiema: Il-PE lest għan-negozjati mal-istati membri

Il-Parlament ser ikun lest biex jibda' t-taħdidiet mal-gvernijiet tal-UE dwar ir-regoli riveduti dwar l-ippustjar tal-ħaddiema, peress li l-MEPs humamistennija jappoġġaw il-mandat ta' negozjar fil-plenarja.

7

Il-President tal-Parlament Ewropew ser iħabbar ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov 2017

Ir-rebbieħ tal-premju Sakharov ser jiġi deċiż mill-President Antonio Tajani u l-mexxejja tal-gruppi politiċi u mħabbar mis-Sur Tajani fil-plenarja nhar il-Ħamis f'nofsinhar.

8

<http://www.europarl.europa.eu/news/mt/agenda/briefing/2017-10-23>

Għal aktar informazzjoni

[Aġenda proviżorja](#)

[Ara is-sessjoni plenarja bil-webstreaming](#)

[EuroparlTV](#)

[Konferenzi stampa u avvenimenti oħra](#)


[Websajt awdjoviżiv tal-Parlament Ewropew](#)


[EP Newshub](#)

[EPRS Plenary podcasts on key issues](#)

Kuntatti

John SCHRANZ

 (+32) 2 28 44264 (BXL)

 (+33) 3 881 74076 (STR)

 (+32) 498 98 14 02

 john.schranz@europarl.europa.eu

Summit tal-UE u l-futur tal-Ewropa

Il-President tal-Kunsill Donald Tusk ser jiddiskuti mal-MEPs l-eżitu tal-laqgħa tal-mexxejja Ewropej tad-19 u l-20 ta' Ottubru, iffukat fuq il-migrazzjoni u l-ażil, id-difiża, u n-negozjati dwar il-Brexit.

Il-President Tusk ser jinforma lill-MEPs ukoll dwar l-ewwel reazzjonijiet u diskussjonijiet bejn il-kapijiet ta' stat jew gvern dwar l-għażliet differenti għall-futur tal-Ewropa.

INFORMAZZJONI ADDIZZJONAL

Dibattitu: It-Tlieta 24 ta' Ottubru

Proċedura: Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (mingħajr risoluzzjoni)

#EUCO @EU2017EE #MigrationEU #EUdefence

Għal aktar informazzjoni

[Aġenda tal-Kunsill Ewropew 19-20 ta' Ottubru](#)

[Materjal awdjoviżiv għall-professionisti](#)

Dibattitu dwar il-libertà tal-istampa wara l-qtil ta' Daphne Cachia Caruana

Il-gruppi politiċi ser jiddiskutu l-libertà tal-istampa u l-protezzjoni tal-ġurnalisti nhar it-Tlieta, wara l-qtil brutali ta' Daphne Caruana Galizia.

Id-dibattitu, li huwa skedat għal nhar it-Tlieta wara nofsinhar ser ikun ippreċedut minn minuta silenzju f'nofsinhar, qabel is-sessjoni tal-votazzjoni. Il-familja tas-Sinjura Caruana Galizia ġiet mistiedna Strasburgu.

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Dibattitu: It-Tlieta 24 ta' Ottubru

Proċedura: Dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u l-Kummissjoni mingħajr rizzoluzzjoni

#DaphneCaruanaGalizia

Għal aktar informazzjoni

[Materjal awdjoviżiv għall-professjonisti](#)

Protezzjoni tal-investituri u l-ekonomija kontra l-pakketti ta' self ħażin

Is-self ippakkeġjat ser ikollu jkun inqas kumpless u iżjed trasparenti qabel ma jkun jista' jinbiegħ lill-investituri jgħid abbozz ta' regoli li ser jiġu vvutati nhar il-Ħamis.

Is-sekurizzazzjoni huwa sors importanti ta' finanzjament, li tippermetti l-banek li jselfu lill-ekonomija. Iżda s-sekurizzazzjoni trid tkun "simplifikata, trasparenti u standardizzata" biex il-bejgħ tas-self ħażin ma jerġax iwassal għal kollass finanzjarju bħal dak li beda fl-2008.

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Dibattitu: L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru

Vot: Il-Ħamis, 26 ta' Ottubru

Proċedura: Proċedura leġiżlattiva ordinarja, ftehim fl-ewwel qari

#STSsecuritisatation #CRR #CMU

Għal aktar informazzjoni

[Abbozz ta' rapport dwar ir-regoli komuni dwar is-sikurizzazzjoni](#)

[Abbozz ta' rapport dwar il-ħtiġijiet prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-investment](#)
[Stqarrija għall-istampa wara l-qbil milħuq mill-Presidentza Maltija tal-Kunsill \(30.05.2017\)](#)

[Relatur dwar l-STS: Paul Tang \(S&D, NL\)](#)

[Relatur dwar il-ħtiġijiet prudenzjali \(CRR\) : Othmar Karas \(EPP, AT\)](#)

Tisħiħ tal-kontrolli tas-sigurtà mal-fruntieri tal-Ewropa

L-Erbgħa ser tiġi diskussa u vvutata sistema komuni elettronika biex jiġhaffu l-kontrolli mal-fruntieri esterni taż-żona ta' Schengen u biex jiġu reġistrati l-vjaġġaturi mhux mill-UE.

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Dibattitu: L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru

Vot: L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru

Proċedura: Proċedura leġiżlattiva ordinarja

#Bordercontrols #migrationEU

Għal aktar informazzjoni

[Abbozz ta' rapport](#)

[Stqarrija għall-istampa \(30-06-2017\)](#)

[Profil tar-relatur: Agustín DÍAZ DE MERA \(EPP, ES\)](#)

[Fajl proċedurali](#)

[Riċerka tal-PE](#)

[Stqarrija għall-istampa tal-Kunsill](#)

[Materjal awdjoviżiv għall-professionisti](#)

Ippustjar tal-ħaddiema: Il-PE lest għan-negozjati mal-istati membri

Il-Parlament ser ikun lest biex jibda' t-taħdidiet mal-gvernijiet tal-UE dwar ir-regoli riveduti dwar l-ippustjar tal-ħaddiema, peress li l-MEPs humamistennija jappoġġaw il-mandat ta' negozjar fil-plenarja.

L-abbozz ta' mandat ta' negozjar tal-PE huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-istess xogħol fl-istess post għandu jiġi imħallas l-istess.

Il-bidliet ewlenin jinkludu r-remunerazzjoni tal-ħaddiema ppustjati, it-tul tal-ippustjar, il-ftehimiet kollettivi u l-ħaddiema ta' aġenziji temporanji.

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Proċedura: Proċedura leġislattiva ordinarja

Għal aktar informazzjoni

[Stqarrija għall-istampa dwar il-vot fil-kumitat \(16.10.2017\)](#)

[Fajl leġislattiv](#)

[Profil tar-relatur Elisabeth Morin-Chartier \(EPP, FR\)](#)

[Profil tar-relatur Agnes Jongerius \(S&D, NL\)](#)

[Riċerka tal-PE dwar ir-reviżjoni](#)

[Riċerka tal-PE dwar id-direttiva](#)

[Studju tal-PE dwar is-sitwazzjoni attwali u l-isfidi](#)

[Infografika](#)

[Materjal awdjoviżiv għall-professjonisti](#)

Il-President tal-Parlament Ewropew ser iħabbar ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov 2017

Ir-rebbieħ tal-premju Sakharov ser jiġi deċiż mill-President Antonio Tajani u l-mexxejja tal-gruppi politiċi u mħabbar mis-Sur Tajani fil-plenarja nhar il-Ħamis f'nofsinar.

Il-finalisti huma:

- Id-difensura tad-drittijiet umani mill-Gwatemala Aura Lolita Chavez Ixcaquic
- L-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u
- Il-ġurnalist Svediż-Eritrejan Dawit Isaak.

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Vot: matul il-Konferenza tal-Presidenti tal-Ħamis

#SakharovPrize

Għal aktar informazzjoni

[EP Live](#)

[EbS+ \(26.10.2017\)](#)

[It-tliet finalist](#)

[Materjal awdjoviżiv għall-professjonisti](#)

[Sit web tal-premju Sakharov](#)